SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

23 ta' April 2015*

"Appell — Kompetizzjoni — Akkordji — Artikoli 101 TFUE u 53 tal-Ftehim ŻEE — Suq dinji tal-iskrins tal-kristalli likwidi (LCD) — Iffissar tal-prezzijiet — Multi — Linji gwida għall-kalkolu tal-multi (2006) — Punt 13 — Determinazzjoni tal-valur tal-bejgħ — Impriża komuni — Teħid inkunsiderazzjoni tal-bejgħ lill-kumpanniji parent — Komunikazzjoni dwar l-immunità mill-multi u t-tnaqqis tal-ammont tagħhom fil-każijiet ta' akkordji (2002) — L-aħħar subparagrafu tal-punt 23(b) — Immunità parzjali minn multa — Provi ta' fatti li preċedentement il-Kummissjoni ma kinitx taf bihom"

Fil-Kawża C-227/14 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fis-7 ta' Mejju 2014,

LG Display Co. Ltd, stabbilita f'Seoul (il-Korea t'Isfel),

LG Display Taiwan Co. Ltd, stabbilita f'Tajpej (it-Tajwan),

irrappreżentati minn A. Winckler u F.-C. Laprévote, avukati,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn F. Ronkes Agerbeek u P. J. O. Van Nuffel, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn A. Ó Caoimh (Relatur), President tal-Awla, C. Toader u C. G. Fernlund, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Wathelet,

Reġistratur: I. Illéssy, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-26 ta' Jannar 2015,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħhom, LG Display Co. Ltd (iktar 'il quddiem "LGD") u LG Display Taiwan Co. Ltd (iktar 'il quddiem "LGDT") jitolbu l-annullament parzjali tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea LG Display u LG Display Taiwan vs Il-Kummissjoni (T-128/11, EU:T:2014:88, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali, minn naħa, irriformat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 8761 finali, tat-8 ta' Diċembru 2010, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 [TFUE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (Każ COMP/39.309 – LCD), li sommarju tagħha ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tas-7 ta' Ottubru 2011 (ĠU C 295, p. 8, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni inkwistjoni"), billi ffissat fl-ammont ta' EUR 210 000 000 il-multa imposta *in solidum* fuqhom fl-Artikolu 2 ta' din id-deċiżjoni u, min-naħa l-oħra, ċaħdet il-kumplament tar-rikors tagħhom intiż għall-annullament parzjali tal-imsemmija deċiżjoni, sa fejn din tikkonċernahom, kif ukoll it-tnaqqis tal-ammont ta' din il-multa.

Il-kuntest ġuridiku

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 TFUE] u [102 TFUE] (ĠU 2003, L 1, p. 1), jipprevedi fl-Artikolu 23(2) u (3) tiegħu:

"2. Il-Kummissjoni tista' b'deċiżjoni timponi multi fuq l-impriża u l-assoċjazzjoni tal-impriża meta, jew b'intenżjoni jew b'negligenza:

(a) jiksru l-Artikolu [101 TFUE] jew [102 TFUE] [...]

[...]

Għal kull impriża u assoċjazzjoni ta' l-impriża li qed jipparteċipaw fil-ksur, il-multi mhux ser jaqbżu l-10 % tat-total ta' valur tal-bejgħ fis-sena kummerċjali preċedenti.

[...]

3. Fit-twaħħil ta' l-ammont li jrid jiġi mmultat, rigward irrid jingħata lejn il-gravità u it-tul tal-ksur."

3 Fi kliem l-Artikolu 31 ta' dan ir-regolament:

"Il-Qorti tal-Ġustizzja ħa jkollha ġurisdizzjoni bla limitu għar-reviżjoni tad-deċiżjonijiet fejn il-Kummissjoni waħħlet multa jew perjodu ta' pagamenti tal-pieni. Hija tista' tħassar, tnaqqas jew iżżid il-multa jew il-perjodu ta' pagamenti tal-pieni imposti."

4 Il-punt 6 tal-Linji Gwida dwar il-metodu tal-iffissar tal-multi skont l-Artikolu 23(2)(a) u r-Regolament (KE) Nru 1/2003 (ĠU 2006, C 210, p. 2, iktar 'il quddiem il-"Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi") jipprovdi:

"[...] l-għaqda tal-valur tal-bejgħ f'rabta mal-ksur u t-tul [tiegħu] hija kkunsidrata valur ta' sostituzzjoni adegwata sabiex tiġi riflessa l-importanza ekonomika tal-ksur kif ukoll il-piż relattiv ta' kull impriża li tipparteċipa fil-ksur [...]"

5 Taħt it-titolu “Ammont bażiku tal-multa”, il-punt 13 ta’ dawn il-linji gwida jipprovdi:

“Sabiex jiġi ddeterminat l-ammont bażiku tal-multa li għandha tiġi imposta, il-Kummissjoni ser tuża l-valur tal-bejgħ ta’ oġġetti jew servizzi, iġġenerat mill-impriża, b’konnessjoni diretta jew indiretta [...] mal-ksur, fis-settur ġeografiku kkonċernat fit-territorju taż-[Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)]. [...]”

6 Il-punt 23(b) tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-immunità mill-multi u t-tnaqqis tal-ammont tagħhom fil-każijiet ta’ akkordji (ĠU 2002, C 45, p. 3, iktar ’il quddiem il-“Komunikazzjoni dwar il-klemenza”) jipprevedi d-diversi okkażjonijiet ta’ tnaqqis tal-multi li minnhom jistgħu jibbenefikaw l-impriżi skont l-ordni li fih huma jkunu pprovdew l-informazzjoni. L-aħħar subparagrafu ta’ din id-dispożizzjoni huwa redatt kif ġej:

“Barra dan, jekk impriża tipprovdi provi rrelatati ma’ fatti li qabel ma kienux magħrufa lill-Kummissjoni li għandhom rilevanza diretta fuq il-gravità u t-tul tal-akkordju ssuspettat, il-Kummissjoni ma hijiex ser tieħu kont ta’ dawn l-elementi meta tordna li tiġi imposta multa fuq l-impriża li tipprovdi dawn il-provi.”

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni inkwistjoni

7 Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni inkwistjoni, kif jirriżultaw mill-punti 1 sa 31 tas-sentenza appellata, jistgħu jiġu esposti fil-qosor kif ġej.

8 LGD hija kumpannija rreġistrata taħt id-dritt Korean li tikkontrolla grupp ta’ kumpanniji stabbiliti madwar id-dinja kollha u attivi fil-produzzjoni tal-iskrins tal-kristalli likwidi b’matriċi attiva (iktar ’il quddiem “LCD”). LGD inħolqot, fis-26 ta’ Lulju 1999, bi ftehim ta’ impriża komuni li sar bejn LG Electronics Inc., kumpannija rreġistrata taħt id-dritt Korean (iktar ’il quddiem “LGE”), u Koninklijke Philips Electronics NV (iktar ’il quddiem “Philips”), kumpannija rreġistrata taħt id-dritt Olandiż. Matul il-perijodu bejn is-26 ta’ Lulju 1999 u t-23 ta’ Lulju 2004, LGE u Philips kellhom, kull waħda minnhom, 50 % tal-kapital ta’ LGD. Sussegwentement, l-ishma rispettivi tagħhom niżlu għal 37.9 % u għal 32.87 % ta’ dan il-kapital.

9 LGDT hija kumpannija rreġistrata taħt id-dritt Tajwaniż, assoċjata bħala membru fi grupp 100 % ma’ LGD, attiva fil-produzzjoni u l-provvista ta’ LCD.

10 Fir-rebbiegħa tas-sena 2006, Samsung Electronics Co. Ltd (iktar ’il quddiem “Samsung”), kumpannija rreġistrata taħt id-dritt Korean, ippreżentat quddiem il-Kummissjoni talba għal immunità minn multa skont il-Komunikazzjoni dwar il-klemenza. F’din l-okkażjoni, Samsung irraportat l-eżistenza ta’ akkordju bejn diversi impriżi, fosthom LGD u LGDT, dwar ċerti tipi ta’ LCD.

11 Fis-17 ta’ Lulju 2006, LGD ippreżentat, hija wkoll, quddiem il-Kummissjoni talba għal immunità minn multa skont din il-komunikazzjoni.

12 Fit-23 ta’ Novembru 2006, il-Kummissjoni tat lil Samsung l-immunità kundizzjonata, konformement mal-punt 15 tal-imsemmija komunikazzjoni, filwaqt li ċaħditha lil LGD.

13 Fis-27 ta’ Mejju 2009, il-Kummissjoni bdiet il-proċedura amministrattiva u adottat dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet li ġiet indirizzata lil sittax-il kumpannija, fosthom l-appellanti kif ukoll LGE u Philips. Din id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet spjegat, partikolarment, ir-raġunijiet li għalihom, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali, dawn tal-aħħar kellhom jinżammu responsabbli *in solidum* għall-ksur imwettaq minn LGD.

14 Id-destinatarji tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet urew lill-Kummissjoni, bil-miktub, il-fehma tagħhom dwar l-oġġezzjonijiet imqajma fir-rigward tagħhom fit-terminu previst. Barra minn hekk, diversi minn dawn id-destinatarji, fosthom l-appellanti, eżerċitaw id-dritt għal smigħ orali tagħhom, waqt is-seduta li nżammet fit-22 u fit-23 ta' Settembru 2009.

15 Fl-1 ta' Frar 2010, LGD ippreżentat talba, ibbażata fuq l-aħħar subparagrafu tal-punt 23(b) tal-Komunikazzjoni dwar il-klemenza, li permezz tagħha hija talbet l-immunità parzjali għall-parteċipazzjoni tagħha fl-akkordju matul is-snin 2005 u 2006.

16 Permezz ta' talba għal informazzjoni tal-4 ta' Marzu 2010 u permezz ta' ittra tas-6 ta' April 2010 komplementari għaliha, il-partijiet ġew speċifikament mistiedna sabiex jgħaddu lill-Kummissjoni l-informazzjoni marbuta mal-valur tal-bejgħ li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-ammont bażiku u sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar din il-kwistjoni. LGD għaddiet l-informazzjoni li tikkonċerna lilha b'ittra tal-21 ta' April 2010.

17 Fit-8 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni inkwistjoni. Din ġiet indirizzata lil sitta minn sittax-il kumpannija destinatarja tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, fosthom l-appellanti u Samsung. Min-naħa l-oħra, LGE u Philips ma ġewx inklużi.

18 Fid-deċiżjoni inkwistjoni, il-Kummissjoni kkonstatat l-eżistenza ta' akkordju bejn sitt produtturi internazzjonali kbar ta' LCD, fosthom l-appellanti u Samsung, dwar iż-żewġ kategoriji ta' LCD ta' daqs ugwali jew iktar minn tnax il-pulzier, li huma, minn naħa, l-LCDs għat-teknoloġiji tal-informazzjoni, bħal dawk għal-kompjuters portabbli kompatti u l-moniters tal-kompjuters, u, min-naħa l-oħra, l-LCDs għat-televiżjonijiet (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, l-"LCDs suġġetti għal kartell").

19 Skont id-deċiżjoni inkwistjoni, dan l-akkordju ħa l-forma ta' ksur uniku u kontinwu skont l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992 (ĠU 1994, L 1, p. 3, iktar 'il quddiem il-"Ftehim ŻEE"), li seħħ, bejn il-5 ta' Ottubru 2001 u l-1 ta' Frar 2006, bħala minimu. Matul dan il-perijodu, il-parteċipanti fl-akkordju żammew diversi laqgħat multilaterali, li huma sejħu "laqgħat Cristal". Dawn il-laqgħat kellhom għan li kien b'mod ċar antikompetittiv, peress li dawn kienu l-okkażjoni għall-parteċipanti, b'mod partikolari, li jiffissaw prezzijiet minimi għal-LCDs suġġetti għal kartell, sabiex jiddiskutu l-ippjanar tal-prezz sabiex jiġi evitat it-tnaqqis u sabiex jikkoordinaw iż-żidiet fil-prezz kif ukoll il-livelli ta' produzzjoni. Matul il-perijodu ta' ksur, il-parteċipanti fl-akkordju ltaqgħu ma' xulxin b'mod bilaterali u ta' spiss skambjaw informazzjoni dwar is-suġġetti diskussi waqt il-"laqgħat Cristal". Barra minn hekk, huma ħadu miżuri sabiex jivverifikaw jekk id-deċiżjonijiet adottati matul dawn il-laqgħat kinux applikati.

20 Għall-iffissar tal-multi imposti mid-deċiżjoni inkwistjoni, il-Kummissjoni użat il-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi. B'applikazzjoni tagħhom, il-Kummissjoni ddefinixxiet il-valur tal-bejgħ ta' LCDs suġġetti għal kartell direttament jew indirettament ikkonċernat mill-ksur. Għal dan il-għan, hija stabbilixxiet it-tliet kategoriji li ġejjin ta' bejgħ imwettaq mill-parteċipanti fl-akkordju:

— il-kategorija ta' "bejgħ ŻEE dirett", li jinkludi l-bejgħ ta' LCDs suġġetti għal kartell lil impriża oħra fi ħdan iż-ŻEE;

— il-kategorija ta' "bejgħ ŻEE dirett permezz tal-użu ta' prodotti ttrasformati", li tinkludi l-bejgħ ta' LCDs suġġetti għal kartell integrati, fi ħdan il-grupp li jagħmel parti minnu l-produttur, f'prodotti lesti li jinbiegħu lil impriża oħra fiż-ŻEE; u

— il-kategorija ta' "bejgħ indirett", li tinkludi l-bejgħ ta' LCDs suġġetti għal kartell lil impriża oħra li tinsab barra miż-ŻEE, li sussegwentement tinkludi dawn l-LCDs f'prodotti lesti li hija tbigħ fiż-ŻEE.

21 Madankollu, il-Kummissjoni qieset li hija setgħet tieħu inkunsiderazzjoni biss l-ewwel żewġ kategoriji hawn fuq imsemmija, peress li l-inklużjoni tat-tielet kategorija ma kinitx neċessarja sabiex il-multi imposti jkunu jistgħu jilħqu livell suffiċjentement dissważiv.

22 Fir-rigward tal-appellanti, il-Kummissjoni, minkejja l-oġġezzjonijiet tagħhom, ikkunsidrat li l-valur tal-bejgħ rilevanti kellu jiġi kkalkolat billi jitqies ukoll il-bejgħ tagħhom lil LGE u lil Philips. Fil-fatt, minn naħa, il-bejgħ ta' LCDs suġġetti għal kartell lil dawn il-kumpanniji tal-aħħar seta', huwa wkoll, kien is-suġġett ta' diskussjonijiet bejn il-parteċipanti fl-akkordju inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, il-prezz ta' dan il-bejgħ ġie influwenzat miċ-ċirkustanzi li jikkaratterizza s-suq, jiġifieri l-eżistenza ta' prezzijiet suġġetti għal kartell.

23 Il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni wkoll, għall-iffissar tal-ammont tal-multi, il-Komunikazzjoni dwar il-klemenza. F'dan ir-rigward, hija kkonfermat, qabelxejn, l-immunità totali mogħtija lil Samsung. Hija mbagħad naqqset b'50 % l-ammont tal-multa li kellha tiġi imposta fuq l-appellanti, minħabba provi li huma ressqu u li kellhom valur miżjud sinjifikattiv meta mqabbla ma' dawk li l-Kummissjoni diġà kellha, konformement mal-punt 21 u l-ewwel inċiż tal-punt 23(b) ta' din il-komunikazzjoni. Finalment, hija laqgħet it-talba għal immunità parzjali mill-multa tal-appellanti, iżda biss fir-rigward tas-sena 2006. Fil-fatt, skont il-Kummissjoni, kien biss fir-rigward ta' din is-sena tal-aħħar li l-informazzjoni pprovduta mill-appellanti kienet tikkostitwixxi provi ta' fatti li preċedentement hija ma kinitx taf bihom. B'kuntrast, fir-rigward tas-sena 2005, l-informazzjoni pprovduta mill-appellanti kienet tikkostitwixxi żieda ma' dik li l-Kummissjoni kienet diġà rċeviet mingħand Samsung u ma kinitx, għalhekk, marbuta ma' fatti li din l-istituzzjoni preċedentement ma kinitx taf bihom.

24 Fid-dawl, partikolarment, ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Kummissjoni, fl-Artikolu 2 tad-deċiżjoni inkwistjoni, ikkundannat *in solidum* lill-appellanti għall-ħlas ta' multa ta' EUR 215 000 000.

Is-sentenza appellata

25 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-23 ta' Frar 2011, l-appellanti ppreżentaw quddiemha kawża għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni inkwistjoni u għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuqhom skont din id-deċiżjoni.

26 Insostenn tat-talba tagħhom, l-appellanti ressqu erba' motivi. L-ewwel wieħed minn dawn il-motivi kien ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni, b'mod żbaljat u bi ksur tad-drittijiet ta' difiża tagħhom, inkludiet il-bejgħ intern tagħhom fil-kalkolu tal-ammont tal-multa u t-tieni wieħed minnhom kien dedott mill-fatt li l-Kummissjoni, b'mod żbaljat, irrifjutat li tagħtihom immunità minn multa għas-sena 2005 u li din tal-aħħar ma siltetx il-konsegwenzi xierqa mill-immunità parzjali li hija rrikonoxxitilhom għax-xahar ta' Jannar 2006.

27 Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali laqgħet parzjalment dan il-motiv tal-aħħar, billi kkunsidrat li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni, b'mod żbaljat, ix-xahar ta' Jannar 2006 fil-valur tal-bejgħ tal-appellanti għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont tal-multa li kellha tiġi imposta fuqhom. Konsegwentement, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa, hija naqqset dan l-ammont għal EUR 210 000 000. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-kumplament tar-rikors.

It-talbiet tal-partijiet u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

28 Permezz tal-appell tagħhom, l-appellanti jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja:

— tannulla parzjalment is-sentenza appellata, sa fejn din ċaħdet ir-rikors tagħhom għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni inkwistjoni;

— tannulla parzjalment id-deċiżjoni inkwistjoni u, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, tnaqqas l-ammont tal-multa li ġiet imposta fuqhom; u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż sostnuti kemm quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll quddiem il-Qorti Ġenerali.

29 Il-Kummissjoni titlob li l-appell jiġi miċħud u li l-appellanti jiġu kkundannati għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

30 Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jinvokaw żewġ aggravji. L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi tal-Qorti Ġenerali, ksur minn din tal-aħħar tal-obbligu ta' motivazzjoni tagħha u tad-drittijiet tad-difiża kif ukoll żnaturament manifest tal-provi u n-nuqqas ta' eżerċizzju mill-Qorti Ġenerali tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha fir-rigward tal-inklużjoni tal-bejgħ ta' LCDs suġġetti għal kartell ta' LGD lill-kumpanniji parent tagħha fil-valur tal-bejgħ meħud inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-ammont tal-multa. It-tieni aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi, ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u żnaturament manifest tal-provi li jirriżultaw mir-rifjut tal-Qorti Ġenerali li tagħti lil LGD l-immunità parzjali minn multa għas-sena 2005.

Fuq l-ewwel aggravju, dwar it-teħid inkunsiderazzjoni tal-bejgħ ta' LCDs suġġetti għal kartell ta' LGD lill-kumpanniji parent tagħha għall-kalkolu tal-ammont tal-multa

L-argumenti tal-partijiet

31 Dan l-aggravju huwa maqsum f'żewġ partijiet. Permezz tal-ewwel parti, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-applikazzjoni tal-punt 13 tal-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi, ma mmotivatx suffiċjentement skont il-liġi d-deċiżjoni tagħha, manifestament żnaturat il-provi, kisret id-drittijiet tad-difiża ta' LGD u ma eżerċitatx il-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha meta kkonkludiet li l-Kummissjoni setgħet tinkludi fil-valur tal-bejgħ meħud inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-multa l-bejgħ kollu li sar fis-suq rilevanti. Permezz tat-tieni parti, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi injorat il-prinċipju ta' proporzjonalità, naqset mill-obbligu ta' motivazzjoni tagħha, manifestament żnaturat il-provi u kisret id-drittijiet tad-difiża ta' LGD, meta kkonfermat il-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-bejgħ intern ta' LGD lill-kumpanniji parent tagħha kien fil-fatt affettwat mill-ksur imfittex.

– Fuq l-ewwel parti tal-ewwel aggravju, dwar il-possibbiltà li jittieħed inkunsiderazzjoni l-bejgħ kollu li sar fis-suq affettwat mill-ksur

32 Permezz tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju, ir-rikorrenti jikkritikaw, essenzjalment, lill-Qorti Ġenerali li ddeċidiet, fil-punt 97 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kienet korretta meta inkludiet, għall-kalkolu tal-multa, il-bejgħ intern ta' LGD lill-kumpanniji parent tagħha, sempliċement minħabba li dan il-bejgħ sar fis-suq affettwat mill-ksur, anki jekk dan il-bejgħ ma kienx affettwat minn dan tal-aħħar.

33 L-ewwel nett, l-appellanti jsostnu li, għalkemm il-Kummissjoni ma hijiex obbligata li tistabbilixxi kull bejgħ individwali affettwat mill-akkordju, il-Qorti Ġenerali, meta inkludiet il-valur tal-bejgħ kollu ta' LCDs suġġetti għal kartell li sar fis-suq affettwat mill-ksur fil-valur tal-bejgħ meħud inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-multa, minkejja l-insuffiċjenza ta' provi li juru li l-ksur affettwa l-bejgħ intern ta' LGD lil LGE u lil Philips, kisret il-punt 13 tal-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi u tbiegħdet, barra minn hekk, mill-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni, kif tirriżulta, partikolarment, mid-Deċiżjoni C (2008) 6815 finali, tat-12 ta' Novembru 2008, dwar proċedura għall-applikazzjoni

tal-Artikolu 81 [KE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39.125 – Ħġieġ tal-karozzi) u mid-Deċiżjoni C (2008) 926 finali, tal-11 ta' Marzu 2008, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 81 [KE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/38.543 – Servizzi ta' ġarr internazzjonali).

34 It-tieni nett, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta naqset milli timmotiva suffiċjentement skont il-liġi r-raġunijiet li għalihom il-bejgħ intern ta' LCDs suġġetti għal kartell minn LGD lil Philips u lil LGE seta' ħoloq distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq rilevanti, minkejja garanziji strutturali li jeskludu li dan il-bejgħ seta' jiġi affettwat mill-akkordju, peress li dan il-bejgħ sar, partikolarment, b'tariffa preferenzjali u ma setax, konsegwentement, jitqies li seħħ fis-suq liberu. F'dan ir-rigward, din il-kawża hija analoga għal dik li tat lok għas-sentenza Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni (T-204/08 u T-212/08, EU:T:2011:286), dwar servizzi ta' ġarr internazzjonali, fejn il-Qorti Ġenerali, għal din ir-raġuni, eskludiet ċertu bejgħ mill-valur tal-bejgħ li sar fis-suq ikkonċernat.

35 It-tielet nett, l-appellanti jallegaw li l-Qorti Ġenerali ma eżerċitatx il-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha skont l-Artikolu 261 TFUE u l-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1/2003, meta ppermettiet lill-Kummissjoni li titbiegħed, mingħajr motivazzjoni suffiċjenti, mill-prassi deċiżjonali preċedenti tagħha, kif tirriżulta, partikolarment, mid-Deċiżjoni C (2007) 5791 finali, tat-28 Novembru 2007, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 81 [KE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39165 – Ħġieġ ċatt), kif ukoll id-deċiżjonijiet adottati fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet, fejn il-Kummissjoni eskludiet li tieħu inkunsiderazzjoni bejgħ intern għall-kalkolu tal-multa.

36 Ir-raba' nett, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li wettqet żball ta' liġi u li naqset milli teżerċita l-ġurisdizzjoni sħiħa meta ppermettiet lill-Kummissjoni tiffissa l-ammont tal-multa fuq il-bażi tad-dħul mill-bejgħ globali marbut mas-suq ikkonċernat. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ma eżaminatx il-provi prodotti u l-argumenti mressqa minn LGD li juru li l-bejgħ intern tagħha lil LGE u lil Philips ma setax jiġi affettwat mill-akkordju, partikolarment minħabba stipulazzjonijiet tal-ftehim ta' impriża komuni konklużbejn dawn iż-żewġ kumpanniji tal-aħħar.

37 Il-ħames nett, l-appellanti jilmentaw li l-Qorti Ġenerali assumiet raġunijiet kontradittorji fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi. Fil-fatt, fil-punt 97 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tinterpreta dawn il-linji gwida fis-sens li dawn jippermettu lill-Kummissjoni tinkludi fil-valur tal-bejgħ li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-multa l-valur ta' kull bejgħ li sar fis-suq rilevanti, mingħajr esklużjoni tal-valur ta' dak il-bejgħ li ma kienx affettwat mill-ksur. Min-naħa l-oħra, fil-punt 70 tal-istess sentenza, il-Qorti Ġenerali tafferma li l-valur tal-bejgħ meħud inkunsiderazzjoni għall-dan il-kalkolu għandu jinkludi dak tal-bejgħ li fir-rigward tiegħu l-kompetizzjoni fis-suq rilevanti ġiet suġġetta għal distorsjoni. Bl-istess mod, fil-punt 68 tal-istess sentenza, il-Qorti Ġenerali tiddefinixxi l-valur tal-bejgħ li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni għal dan il-kalkolu billi tirreferi għall-bejgħ ta' merkanzija suġġetta għall-ksur u ta' prodotti li kienu s-suġġett ta' prattika restrittiva. Barra minn hekk, il-punt 62 tal-istess sentenza jindika li għandu jkun hemm rabta bejn il-valur tal-bejgħ meħud inkunsiderazzjoni u l-ksur.

38 Is-sitt nett, l-appellanti jqisu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u kisret id-drittijiet tad-difiża ta' LGD meta invokat preżunzjoni inkonfutabbli fis-sens li l-bejgħ kollu li sar fis-suq rilevanti ġie affettwat mill-ksur. Madankollu, il-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi ma jistabbilixxux tali preżunzjoni u, għall-kuntrarju, jimponu fuq il-Kummissjoni l-obbligu li teżamina każ b'każ jekk il-bejgħ ikunx ġie affettwat mill-ksur ikkunsidrat. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali naqset milli tevalwa l-provi prodotti minn LGD.

39 Il-Kummissjoni ssostni li din il-parti tal-aggravju hija infondata, peress li la l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u lanqas l-imsemmija linji gwida ma jipprekluduha milli tieħu inkunsiderazzjoni l-bejgħ intern għall-kalkolu tal-multa. Fi kwalunkwe każ, l-argument huwa ineffettiv, peress li huwa stabbilit li l-bejgħ ta' LGD lil Philips u lil LGE jikkostitwixxi bejgħ lil impriżi oħra. Mill-bqija, huwa konformi

kemm mal-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni kif ukoll mal-punt 13 tal-istess linji gwida li l-valur tal-bejgħ li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tal-multi ma jkunx ristrett għal tranżazzjonijiet li huma fil-fatt affettwati mill-akkordju kkunsidrat.

– Fuq it-tieni parti tal-ewwel aggravju, dwar l-effett tal-ksur fuq il-bejgħ intern ta' LGD lill-kumpanniji parent tagħha

40 Permezz tat-tieni parti tal-ewwel aggravju, l-appellanti jikkritikaw, essenzjalment, lill-Qorti Ġenerali li qieset, fil-punti 73 u 83 tas-sentenza appellata li, fi kwalunkwe każ, l-akkordju fil-fatt affettwa l-bejgħ intern ta' LGD lill-kumpanniji parent tagħha.

41 L-ewwel nett, l-appellanti jsostnu li, wara li rrilevat, fil-punt 86 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma kellhiex provi li jirrigwardaw speċifikament il-bejgħ intern ta' LGD lil LGE u lil Philips li sar matul il-perijodu mix-xahar ta' Lulju 2002 sax-xahar ta' Settembru 2005, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u kisret id-drittijiet ta' difiża ta' LGD meta ħadet inkunsiderazzjoni dan il-bejgħ għall-kalkolu tal-multa. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tbiegħdet mill-prassi tagħha fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2009) 428 finali, tat-28 ta' Jannar 2009, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 81 [KE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39406 – Manek marittimi), fejn hija kkunsidrat li l-prinċipju ta' proporzjonalità jipprekludi t-teħid inkunsiderazzjoni tal-bejgħ marbut ma' perijodu li fir-rigward tiegħu ma kien hemm ebda prova disponibbli. Din il-prassi hija kkonfermata wkoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali (sentenzi Dansk Rørindustri vs Il-Kummissjoni, T-21/99, EU:T:2002:74, punt 62, kif ukoll IMI *et* vs Il-Kummissjoni, T-18/05, EU:T:2010:202, punt 95). Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali naqset milli tevalwa jekk, fid-dawl ta' din l-assenza ta' provi għall-perijodu mix-xahar ta' Lulju 2002 sax-xahar ta' Settembru 2005, il-bejgħ intern ta' LGD lill-kumpanniji parent tagħha kienx jaqa' taħt ksur uniku u kontinwu matul il-perijodu kollu implikat.

42 It-tieni nett, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali naqset mill-obbligu ta' motivazzjoni tagħha u manifestament żnaturat il-provi meta kkonstatat li l-bejgħ ta' LCDs suġġetti għal kartell minn LGD lil LGE, b'differenza minn dak li sar lil Philips, kien affettwat mill-ksur. Minn naħa, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-minuti ta' laqgħa tal-15 ta' Novembru 2001, iċċitati fil-punt 76 tas-sentenza appellata, meta ddeduċiet biss minn dan id-dokument, fil-punt 150 tal-istess sentenza, regola ġenerali li tipprovdi li l-akkordju kkunsidrat kien jikkonċerna wkoll il-bejgħ intern, meta dan id-dokument ma jagħmel ebda riferiment għal LGE u għal Philips u l-kontenut tiegħu ma jsostnix l-eżistenza ta' tali regola ġenerali. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali żnaturat it-Tabella Nru 2 tad-deċiżjoni inkwistjoni meta minnha ddeduċiet, fil-punt 151 tas-sentenza appellata, li l-prezzijiet tal-bejgħ ta' LCDs suġġetti għal kartell minn LGD lill-kumpanniji parent tagħha kienu influwenzati mill-akkordju, meta din it-tabella tirreferi biss għall-bejgħ lill-klijenti kollha ta' LGD, matul perijodu qasir ta' sitt xhur, ta' tip speċifiku ta' skrin LCD għal moniter.

43 It-tielet nett, l-appellanti jallegaw li l-Qorti Ġenerali ma mmotivatx suffiċjentement skont il-liġi ċ-ċaħda, fil-punt 125 tas-sentenza appellata, tal-argument tagħhom li l-Kummissjoni kisret id-drittijiet tad-difiża ta' LGD meta hija kkonkludiet li l-bejgħ intern ta' LGD lill-kumpaniji parent tagħha kienu affettwati mill-akkordju. F'dan ir-rigward, hija kontradittorja l-konstatazzjoni, fil-punt 111 tas-sentenza appellata, li "l-ilment dwar il-bejgħ tar-rikorrenti [appellanti f'din l-istanza] lil LGE u lil Philips kien diġà jirriżulta fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet", meta, fil-punt 99 ta' din is-sentenza, l-istess Qorti Ġenerali indikat li "huwa veru li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma taffermax espliċitament li l-bejgħ tar-rikorrenti lil LGE u lil Philips kien affettwat mill-akkordju". Issa, kieku LGD kienet taf, meta saret id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li l-Kummissjoni kellha l-ħsieb li tinkludi l-bejgħ intern tagħha lill-kumpanniji parent tagħha fil-kalkolu ta' multa minħabba li dan il-bejgħ sar f'suq affettwat mill-akkordju, LGD kienet tkun tista' ssostni l-argumenti tagħha f'dan ir-rigward minflok tispjega r-raġunijiet għal xiex il-bejgħ li sar fi ħdan l-istess grupp ma kellux, b'mod ġenerali, jittieħed inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tal-multa.

44 Il-Kummissjoni ssostni, essenzjalment, li t-tieni parti tal-ewwel aggravju hija ineffettiva, minħabba li, anki jekk jiġi kkunsidrat li din il-parti hija fondata, din ma tipprekludix it-teħid inkunsiderazzjoni tal-bejgħ ta' LCDs suġġetti għal kartell minn LGD lil Philips u lil LGE għall-finijiet tal-kalkolu tal-multa. Fi kwalunkwe każ, din il-parti hija infondata.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

45 B'mod preliminari, għandu jiġi osservat li, l-appellanti ripetutament jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali, fl-ambitu tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju, li kkonkludiet li l-Kummissjoni kellha d-dritt tinkludi l-bejgħ intern ta' LGD lill-kumpanniji parent, jiġifieri LGE u Philips, fil-valur tal-bejgħ meqjus għall-kalkolu tal-ammont tal-multa.

46 Madankollu, għandu jiġi nnotat li, kif jirriżulta mill-punti 136 sa 145 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni ġustament ikkunsidrat li l-appellanti, punt li huma ma kkontestawx quddiem dik il-qorti, ma kinux jifformaw ma' LGE u Philips impriża unika għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u, għalhekk, ma kinux jikkostitwixxu impriża vertikalment integrata, b'mod li l-bejgħ rilevanti tal-appellanti lil dawn tal-aħħar ġew inklużi fil-kategorija ta' "bejgħ ŻEE dirett", b'rabta mall-bejgħ ta' LCDs suġġetti għal kartell lil terzi indipendenti. Din il-konstatazzjoni lanqas ma ġiet ikkontestata mill-appellanti fl-appell tagħhom. Għall-kuntrarju, fis-seduta, l-appellanti kkonfermaw b'mod espliċitu li l-bejgħ ta' LCDs suġġetti għal kartell lill-kumpanniji parent tagħhom ma kienx bejgħ intern.

47 F'dawn iċ-ċirkustanzi, sa fejn, permezz tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju, l-appellanti jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali li kkonkludiet li l-Kummissjoni kienet korretta meta inkludiet il-bejgħ intern ta' LGD lill-kumpanniji parent tagħha fil-valur tal-bejgħ li ttieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-ammont tal-multa, l-argumentazzjoni tagħhom għandha tiġi miċħuda, peress li din hija bbażata fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata.

48 Sa fejn, permezz ta' din il-parti, l-appellanti jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali li kkonkludiet li l-Kummissjoni kienet korretta meta inkludiet il-bejgħ rilevanti ta' LGD lill-kumpanniji parent tagħha fil-valur tal-bejgħ li ttieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-ammont tal-multa, għandu jitfakkar li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 jipprovdi li, għal kull impriża u assoċjazzjoni ta' impriżi li jipparteċipaw fil-ksur, il-multa ma għandhiex teċċedi l-10 % tad-dħul mill-bejgħ totali tagħha li jkun sar matul is-sena kummerċjali preċedenti.

49 Kif il-Qorti diġà ddeċidiet, il-Kummissjoni għandha tevalwa, f'kull każ partikolari u fid-dawl tal-kuntest tiegħu u l-għanijiet segwiti mis-sistema ta' sanzjonijiet stabbilita mill-imsemmi regolament, l-impatt mixtieq fuq l-impriża kkonċernata, partikolarment billi jittieħed inkunsiderazzjoni dħul mill-bejgħ li jirrifletti s-sitwazzjoni ekonomika reali tagħha matul il-perijodu li fih twettaq dan il-ksur (sentenzi Britannia Alloys & Chemicals vs Il-Kummissjoni C-76/06 P, EU:C:2007:326, punt 25, kif ukoll Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni, C-580/12 P, EU:C:2014:2363, punt 53).

50 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa possibbli, sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tal-multa, li jittieħdu inkunsiderazzjoni kemm id-dħul mill-bejgħ globali tal-impriża, liema dħul jikkostitwixxi indikazzjoni, anki jekk approssimattiva u imperfetta, tad-daqs u tas-saħħa ekonomika tagħha, kif ukoll il-parti minn dan id-dħul li tirriżulta mill-bejgħ tal-prodotti li jkunu s-suġġett tal-ksur u li għaldaqstant tista' tagħti indikazzjoni tal-portata tiegħu (sentenzi Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni, 100/80 sa 103/80, EU:C:1983:158, punt 121; Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 243; Archer Daniels Midland u Archer Daniels Midland Ingredients vs Il-Kummissjoni, C-397/03 P, EU:C:2006:328, punt 100; kif ukoll Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni, C-580/12 P, EU:C:2014:2363, punt 54).

51 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, għalkemm l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 jagħti lill-Kummissjoni marġni ta' diskrezzjoni, huwa madankollu jillimita l-eżerċizzju tagħha billi jistabbilixxi kriterji oġġettivi li għandhom jiġu segwiti mill-Kummissjoni. Għalhekk, minn naħa, l-ammont tal-multa li tista' tiġi imposta fuq impriża huwa suġġett għal limitu massimu li jista' jiġi kkwantifikat u li huwa assolut, b'tali mod li l-ammont massimu tal-multa li jista' jiġi impost fuq impriża partikolari jista' jiġi ddeterminat minn qabel. Min-naħa l-oħra, l-eżerċizzju ta' din is-setgħa diskrezzjonali huwa llimitat ukoll mir-regoli ta' kondotta li l-Kummissjoni stess imponiet fuqha nfisha, partikolarment fil-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi (sentenza Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni, C-580/12 P, EU:C:2014:2363, punt 55).

52 Skont il-punt 13 tal-Linji Gwida tal-2006, "[s]abiex jiġi stabbilit l-ammont bażiku tal-multa li għandha tiġi imposta, il-Kummissjoni tuża l-valur tal-bejgħ ta' beni jew servizzi, imwettaq mill-impriża, f'relazzjoni diretta jew indiretta mal-ksur, fis-settur ġeografiku kkonċernat ġewwa t-territorju taż-ŻEE" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Dawn l-istess linji gwida jispeċifikaw, fil-punt 6 tagħhom, li "l-fatt li l-valur tal-bejgħ relatat mal-ksur jiġi kkombinat mat-tul ta' dan tal-aħħar jitqies li jipprovdi valur ta' sostituzzjoni adatt sabiex tiġi riflessa l-importanza ekonomika tal-ksur kif ukoll sabiex jiġi rifless il-piż relattiv ta' kull impriża li tipparteċipa fil-ksur". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

53 Minn dan isegwi li, kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, il-punt 13 tal-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi għandu l-għan li jqis bħala punt ta' tluq għall-kalkolu tal-multa imposta fuq impriża, ammont li jirrifletti l-importanza ekonomika tal-ksur u l-piż relattiv ta' din l-impriża fih. Konsegwentement, minkejja li l-kunċett tal-valur tal-bejgħ previst fil-punt 13 ma jistax, ċertament, jiġi estiż sabiex jinkludi l-bejgħ imwettaq mill-impriża inkwistjoni li ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-akkordju kkritikat, xorta waħda, madankollu, jiġi ppreġudikat l-għan ta' din id-dispożizzjoni jekk dan il-kunċett kellu jinftiehem bħala li jipprevedi d-dħul mill-bejgħ li jkun sar biss mill-bejgħ li huwa stabbilit li jkun ġie affettwat minn dan l-akkordju (sentenzi Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni, C-444/11 P, EU:C:2013:464, punti 76 u 88, kif ukoll Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni, C-580/12 P, EU:C:2014:2363, punt 57).

54 Tali limitazzjoni għandha, barra minn hekk, l-effett li timminimizza artifiċjalment l-importanza ekonomika tal-ksur imwettaq minn impriża partikolari, peress li s-sempliċi fatt li nstab numru limitat ta' provi diretti ta' bejgħ realment affettwat mill-akkordju jwassal għal impożizzjoni finali ta' multa mingħajr ebda rabta reali mal-kamp ta' applikazzjoni tal-akkordju inkwistjoni. Tali limitazzjoni tippreġudika wkoll l-għan ta' investigazzjoni u ta' sanzjoni effikaċi tal-ksur skont l-Artikolu 101 TFUE u, għaldaqstant, ma tistax tiġi aċċettata (sentenzi Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni, C-444/11 P, EU:C:2013:464, punt 77, kif ukoll Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni, C-580/12 P, EU:C:2014:2363, punt 58).

55 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi enfasizzat li l-parti mid-dħul mill-bejgħ globali li ġejja mill-bejgħ ta' prodotti li huma s-suġġett tal-ksur hija l-aħjar sabiex tirrifletti l-importanza ekonomika ta' dan il-ksur (sentenza Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni, C-580/12 P, EU:C:2014:2363, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata).

56 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali ġustament qieset, fil-punt 97 tas-sentenza appellata, li "l-possibbiltà għall-Kummissjoni li tinkludi fil-valur tal-bejgħ rilevanti għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont tal-multa l-bejgħ ta' LCDs suġġetti għal kartell li sar mir-rikorrenti lil LGE u lil Philips ma tiddependix mill-kwistjoni ta' jekk dan il-bejgħ sarx bi prezzijiet influwenzati mill-akkordju, iżda mis-sempliċi fatt li dan sar f'suq affettwat mill-eżistenza ta' akkordju li fih ir-rikorrenti pparteċipaw".

57 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kienet korretta meta bbażat ruħha, qabelxejn, fil-punti 65 u 66 ta' din is-sentenza, fuq il-punt 13 tal-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi, meta kkonstatat li dan japplika għall-bejgħ li sar fis-suq rilevanti affettwat mill-ksur u mhux biss għall-każijiet fejn il-Kummissjoni jkollha provi dokumentali tal-ksur, imbagħad, fil-punt 67 tal-istess sentenza, fuq l-għan tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni Ewropea, wara li rrilevat li l-interpretazzjoni proposta mill-appellanti

tfisser li, fid-determinazzjoni tal-ammont bażiku tal-multi, il-Kummissjoni hija obbligata li tistabbilixxi, f'kull każ, liema bejgħ individwali ġie affettwat mill-akkordju, u, finalment, fil-punt 68 tal-istess sentenza, fuq il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni (100/80 sa 103/80, EU:C:1983:158), imfakkra fil-punt 50 ta' din is-sentenza.

58 Konsegwentement, wara li kkonstatat, fil-punt 69 tas-sentenza appellata, bħala parti mill-evalwazzjoni sovrana tagħha tal-fatti, mingħajr ma l-appellanti ma jinvokaw l-iċken żnaturament, li l-bejgħ ta' LCDs suġġetti għal kartell li sar minn dawn tal-aħħar lil LGE u lil Philips sar fis-suq affettwat mill-ksur, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta qieset, fil-punti 71 u 72 ta' din is-sentenza, li l-Kummissjoni kellha dritt tieħu inkunsiderazzjoni dan il-bejgħ sabiex tikkalkola l-ammont tal-multa li għandu jiġi impost fuqhom, u ma hijiex importanti l-kwistjoni ta' jekk LGE u Philips ħallsuhomx fil-fatt prezzijiet ogħla minħabba l-akkordju u jekk huma inkludewx din l-eventwali żieda fil-prezzijiet tal-prodotti lesti li jinkorporaw l-LCDs suġġetti għal kartell li huma biegħu lill-konsumaturi fiż-ŻEE.

59 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali la kienet marbuta tispeċifika r-raġunijiet għal xiex il-bejgħ ta' dawn LCDs li sar minn LGD lil LGE u lil Philips, minkejja klawżoli kuntrattwali li jorbtu lil LGD ma' dawn tal-aħħar fl-ambitu tal-akkordju tagħhom ta' impriża komuni, seta' kkawża distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq rilevanti, lanqas ma kienet marbuta li teżamina l-provi prodotti mill-appellanti għal dan l-għan.

60 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li n-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-valur tal-bejgħ li sar lil terzi indipendenti, minħabba li l-impriża pparteċipat f'akkordju għandha rabtiet strutturali partikolari magħhom, iwassal sabiex jagħti vantaġġ, mhux ġustifikat, lil tali impriża billi jippermettilha tevita sanzjoni proporzjonata mal-importanza tagħha fis-suq tal-prodotti suġġetti għall-ksur (ara, bħala analoġija, is-sentenza Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni, C-580/12 P, EU:C:2014:2363, punti 59 u 63).

61 Fil-fatt, minbarra l-benefiċċju li jista' jkun mistenni minn akkordju li jipprevedi l-iffissar orizzontali tal-prezzijiet għal bejgħ lil terzi indipendenti, impriża tista' tibbenefika wkoll minn tali akkordju billi żżid il-bejgħ tagħha lil impriżi li magħhom hemm ċerti rabtiet strutturali meta dawn tal-aħħar ma jkunux suġġetti għall-prezzijiet ogħla stabbiliti fl-akkordju, peress li, minħabba f'hekk, din l-impriża tingħata vantaġġ kompetittiv fuq il-kompetituri tagħha, li joffru dawn il-prezzijiet ogħla fis-suq rilevanti.

62 Barra minn hekk, il-fatt stess li impriża tbigħ fis-suq rilevanti bi prezzijiet ogħla lil terzi indipendenti jwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni li taffettwa s-suq rilevanti kollu, bi ħsara, b'mod partikolari, għall-konsumaturi.

63 Minn dan jirriżulta li, kif il-Qorti Ġenerali rrilevat, essenzjalment, fil-punt 70 tas-sentenza appellata, anki meta akkordju ma jirrigwardax il-bejgħ tal-prodott ikkunsidrat lil impriżi marbuta mal-membri ta' dan l-akkordju, il-kompetizzjoni fis-suq rilevanti hija distorta, b'mod li dan il-bejgħ jista' jittieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-multa.

64 Kuntrarjament għal dak li l-appellanti jsostnu, il-Qorti Ġenerali, b'hekk, ma invokatx preżunzjoni inkonfutabbli li l-bejgħ kollu li sar fis-suq rilevanti kien affettwat mill-ksur inkwistjoni. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, permezz ta' motivazzjoni li, kif jirriżulta mill-punti 48 sa 59 ta' din is-sentenza, ma hija vvizzjata minn ebda żball ta' liġi, li, anki fl-assenza ta' kull prova li l-bejgħ ta' LCDs suġġetti għal kartell mill-appellanti lill-kumpanniji parent tagħhom kien affettwat minn dan il-ksur, dan il-bejgħ jista' xorta waħda jittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont tal-multa li għandha tiġi imposta fuq l-appellanti, peress li dan sar fis-suq affettwat mill-ksur. L-argumentazzjoni tal-appellanti hija għalhekk ibbażata fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata u għandha, għaldaqstant, tiġi miċħuda.

65 Lanqas ma jista' jiġi lmentat li l-Qorti Ġenerali wettqet kontradizzjoni fir-raġunijiet li jinsabu fil-punti 62 u 68 sa 70 tas-sentenza appellata.

66 Fil-fatt, meta indikat, fil-punt 62 ta' din is-sentenza, li l-Kummissjoni kienet marbuta "tispjega x'kienet ir-rabta tal-bejgħ tar-rikorrenti lil LGE u lil Philips mal-akkordju", meta fakkret, fil-punt 68 ta' din is-sentenza, li "minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-parti mid-dħul mill-bejgħ li ġejja minn merkanzija suġġetta għall-ksur hija ta' natura li tagħti indikazzjoni tajba tal-kobor ta' ksur fis-suq ikkonċernat" u meta rrilevat, fil-punt 70 ta' din l-istess sentenza, li, "meta prodott suġġett għal akkordju jinbiegħ fis-suq intern, il-kompetizzjoni fi ħdanu tiġi distorta", il-Qorti Ġenerali esprimiet biss l-istess kunsiderazzjoni, sottostanti l-motivazzjoni kollha tagħha u riprodotta, b'mod partikolari, fil-punti 66 u 97 tas-sentenza appellata, li l-bejgħ tal-appellanti lil LGE u lil Philips seta' jittieħed inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont tal-multa ladarba dan il-bejgħ ikun sar fis-suq affettwat mill-ksur.

67 Barra minn hekk, rigward l-ilment magħmul lill-Qorti Ġenerali li tbiegħdet mill-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni, huwa suffiċjenti li jitfakkar, kif għamlet il-Qorti Ġenerali fil-punt 143 tas-sentenza appellata, li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-prassi deċiżjonali preċedenti tal-Kummissjoni ma sservix bħala qafas legali applikabbli għall-multi fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni (ara s-sentenzi JCB Service vs Il-Kummissjoni, C-167/04 P, EU:C:2006:594, punt 205; Tomra Systems *et* vs Il-Kummissjoni, C-549/10 P, EU:C:2012:221, punt 104; kif ukoll Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni, C-444/11 P, EU:C:2013:464, punt 82).

68 Konsegwentement, l-ewwel parti tal-ewwel aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

69 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tieni parti ta' dan l-aggravju, li permezz tagħha l-appellanti jfittxu li jikkontestaw il-konstatazzjonijiet li saru mill-Qorti Ġenerali fil-punti 73 sa 89 u 147 sa 154 tas-sentenza appellata, li jipprovdu, essenzjalment, kif jirriżulta mill-punt 73, li jirriżulta "fi kwalunkw każ" mill-proċess li l-bejgħ ta' LCDs suġġetti għal kartell mill-appellanti lil LGE u lil Philips kien is-suġġett ta' diskussjonijiet fl-ambitu tal-akkordju u li l-Kummissjoni pprovat suffiċjentement skont il-liġi li l-akkordju kien jaffettwa wkoll lil dan il-bejgħ, għandha tiġi miċħuda bħala ineffettiva inkwantu tittratta raġunijiet superfluwi (ara, partikolarment, is-sentenza Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 148).

70 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-eżami tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju, ir-raġunijiet esposti fil-punti 65 sa 72 u 97 tas-sentenza appellata jiġġustifikaw fihom infushom it-teħid inkunsiderazzjoni ta' dan il-bejgħ għall-kalkolu tal-multa.

71 Minn dan isegwi li l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

Fuq it-tieni motiv, dwar l-immunità parzjali tal-multa

72 Dan l-aggravju huwa maqsum f'żewġ partijiet. Permezz tal-ewwel parti, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-applikazzjoni tal-aħħar subparagrafu tal-punt 23(b) tal-Komunikazzjoni dwar il-klemenza u naqset mill-obbligu ta' motivazzjoni tagħha meta qiegħdet lill-impriża li talbet l-immunità totali f'sitwazzjoni privileġġata meta mqabbla ma' dik li talbet il-benefiċċju ta' immunità parzjali. Permezz tat-tieni parti, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali manifestament żnaturat il-provi u wettqet żball ta' liġi fl-applikazzjoni ta' din il-komunikazzjoni meta rrifjutat li tagħti lil LGD l-immunità parzjali għall-perijodu sussegwenti għas-26 ta' Awwissu 2005.

Fuq l-ewwel parti tat-tieni aggravju, dwar il-kundizzjonijiet tal-għoti tal-immunità parzjali

– L-argumenti tal-partijiet

73 Permezz ta' din il-parti, l-appellanti jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali li wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-aħħar subparagrafu tal-punt 23(b) tal-Komunikazzjoni dwar il-klemenza meta rrifjutat, b'applikazzjoni restrittiva tagħha, li tagħti lil LGD immunità parzjali minn multa għas-sena 2005 mingħajr ma wriet li l-informazzjoni sottomessa minn Samsung kienet tikkostitwixxi fiha nfisha bażi suffiċjenti sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tistabbilixxi li l-ksur inkwistjoni tkompla matul dik is-sena. Fil-fatt, mis-sentenza Transcatab vs Il-Kummissjoni (T-39/06, EU:T:2011:562), jirriżulta li l-fatti li l-prova tagħhom tkun inġiebet mill-impriża li talbet l-immunità parzjali huma meqjusa fatti li l-Kummissjoni preċedentement ma kinitx taf bihom jekk dawn "jippermettu lill-Kummissjoni tasal għal konklużjonijiet ġodda dwar il-ksur".

74 Issa, skont l-appellanti, il-provi li huma pprovdew fid-dikjarazzjoni tagħhom tal-20 ta' Lulju 2006 kellhom valur ferm iktar importanti minn dawk ippreżentati minn Samsung, inkwantu dawn kienu jirrigwardaw it-tul kollu tal-ksur sax-xahar ta' Frar 2006, il-laqgħat multilaterali prinċipali, il-parteċipanti kollha kif ukoll id-diversi kategoriji ta' prodotti, filwaqt li l-provi mressqa minn Samsung kienu jirrigwardaw tul u fatti wisq limitati u ma kinux jippermettu lill-Kummissjoni tinvestiga u tissanzjona diversi membri tal-akkordju fuq il-bażi tal-fatti mwettqa matul is-sena 2005. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali stess aċċettat, fil-punti 189 u 190 tas-sentenza appellata, li d-deċiżjoni inkwistjoni kienet spiss ibbażata fuq il-provi pprovduti mill-appellanti fir-rigward tas-sena 2005 u li l-informazzjoni pprovduta mill-appellanti kellha fil-fatt valur probatorju ikbar mill-fatturi rrivelati qabel minn Samsung.

75 L-appellanti jqisu li l-interpretazzjoni tal-aħħar subparagrafu tal-punt 23(b) tal-Komunikazzjoni dwar il-klemenza li saret mill-Qorti Ġenerali tmur kontra l-ispirtu ta' din id-dispożizzjoni inkwantu din twassal sabiex il-membri tal-akkordju, minbarra l-impriża li talbet l-immunità totali, jiġu skoraġġuti milli jressqu provi rilevanti ta' fatti ġodda li din l-impriża tal-aħħar tkun naqset milli tiżvela, li jipprovaw perijodu itwal tal-ksur investigat, peress li huwa improbabbli li dawn il-membri l-oħra jiksbu l-benefiċċju tal-immunità parzjali għal dan il-perijodu addizzjonali u peress li huma jkunu wkoll qed jirriskjaw li jiġu kkundannati għal multa ikbar.

76 Il-Kummissjoni tqis li l-ewwel parti tat-tieni aggravju tal-appell, inkwantu bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tal-imsemmija dispożizzjoni, għandha tiġi miċħuda.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

77 Għandu jitfakkar li l-aħħar subparagrafu tal-punt 23(b) tal-Komunikazzjoni dwar il-klemenza jipprovdi li, "jekk impriża tipprovdi provi ta' fatti li preċedentement il-Kummissjoni ma kinitix taf bihom u li għandhom rilevanza diretta fuq il-gravità u t-tul tal-akkordju ssuspettat, il-Kummissjoni ma tiħux inkunsiderazzjoni dawn il-fatti sabiex tiffissa l-ammont tal-multa imposta fuq l-impriża li pprovdiethom".

78 Kif ġustament irrilevat il-Qorti Ġenerali fil-punt 166 tas-sentenza appellata, jirriżulta mill-kliem stess ta' din id-dispożizzjoni li l-immunità parzjali prevista minnha teżiġi li żewġ kundizzjonijiet jiġu ssodisfatti, jiġifieri, l-ewwel nett, li l-impriża inkwistjoni tkun l-ewwel waħda li tipprova fatti li preċedentement ma kinux magħrufa mill-Kummissjoni u, it-tieni nett, li dawn il-fatti, li għandhom effett dirett fuq il-gravità jew it-tul tal-akkordju ssuspettat, jippermettu lill-Kummissjoni tasal għal konklużjonijiet ġodda dwar il-ksur.

79 Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-termini "fatti [...] li l-Kummissjoni ma kinitx taf bihom", marbuta mal-ewwel waħda minn dawn il-kundizzjonijiet, ma humiex ambigwi u jippermettu li tingħata, kif il-Qorti Ġenerali indikat fil-punt 167 tas-sentenza appellata, interpretazzjoni restrittiva tal-aħħar subparagrafu tal-punt 23(b) tal-Komunikazzjoni dwar il-klemenza, billi dan jiġi llimitat għall-każijiet fejn kumpannija li tkun parti f'akkordju tipprovdi informazzjoni ġdida lill-Kummissjoni, marbuta mal-gravità jew mat-tul tal-ksur, u billi jiġu eskluży l-każijiet fejn il-kumpannija sempliċement tipprovdi provi li jsaħħu l-provi dwar l-eżistenza tal-ksur (ara, f'dan is-sens, id-digriet Kuwait Petroleum *et* vs Il-Kummissjoni, C-581/12 P, EU:C:2013:772, punt 19).

80 Fil-każ ineżami, jirriżulta mill-punt 189 tas-sentenza appellata li l-Qorti Ġenerali, fl-ambitu tal-evalwazzjoni sovrana tagħha tal-fatti, irrilevat, mingħajr ma ġie allegat żnaturament f'dan ir-rigward, li, "fil-mument tad-dikjarazzjoni tar-rikorrenti tal-20 ta' Lulju 2006, il-Kummissjoni kienet taf, minħabba l-provi prodotti minn [Samsung], li xi kuntatti bilaterali bejn ċerti parteċipanti għall-akkordju kienu komplew fl-2005".

81 Billi b'hekk ikkonstatat li l-informazzjoni pprovduta mill-appellanti kienet tirrigwarda fatti li ma kinux preċedentement mhux magħrufa mill-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali kellha dritt, fuq din il-bażi biss, tiċħad, fil-punt 194 tas-sentenza appellata, l-argumenti tal-appellanti sabiex dawn jingħataw l-immunità parzjali minn multa skont l-aħħar subparagrafu tal-punt 23(b) tal-Komunikazzjoni dwar il-klemenza fir-rigward ta' dawn il-fatti, mingħajr ma kienet marbuta teżamina jekk din l-informazzjoni kinitx ta' natura li tippermetti lill-Kummissjoni li tasal għal konklużjonijiet ġodda dwar il-ksur u, għaldaqstant, mingħajr ħtieġa li l-valur probatorju tagħhom jitqabbel ma' dak tal-informazzjoni preċedenti pprovduta minn Samsung.

82 Għalhekk, huwa irrilevanti li, fil-punti 189 u 190 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, rispettivament, li d-deċiżjoni inkwistjoni "normalment tibbaża ruħha fuq il-provi prodotti mir-rikorrenti f'dak li jirrigwarda s-sena 2005" u li "l-informazzjoni pprovduta [minn dawn tal-aħħar] fl-20 ta' Lulju 2006 [...] effettivament kellhom valur probatorju ikbar minn dak tal-provi prodotti preċedentement minn Samsung".

83 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li dawn il-konstatazzjonijiet, kif jirriżulta ċar mill-punt 190 ta' din is-sentenza, saru għall-finijiet ta' kompletezza mill-Qorti Ġenerali u mhux sabiex tiġġustifika ċ-ċaħda tat-talba għall-immunità parzjali minn multa għas-sena 2005, iżda sabiex tispjega għalfejn il-Kummissjoni twasslet sabiex tagħti lill-appellanti tnaqqis fl-ammont tal-multa, inkwantu l-kundizzjonijiet għal tali tnaqqis previsti fil-Komunikazzjoni dwar il-klemenza huma differenti minn dawk previsti għall-għoti ta' immunità parzjali minn multa.

84 Barra minn hekk, b'mod kuntrarju għal dak li l-appellanti jsostnu, din l-interpretazzjoni tal-aħħar subparagrafu tal-punt 23(b) tal-imsemmija komunikazzjoni ma hija bl-ebda mod kuntrarja għall-għan tagħha, peress li, kif il-Qorti Ġenerali qieset fil-punt 167 tas-sentenza appellata, l-effikaċità tal-programm ta' klemenza tkun affettwata jekk l-impriżi ma jkollhomx iktar inċentiv sabiex ikunu l-ewwel li jirrapportaw akkordju lill-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens, id-digriet Kuwait Petroleum *et* vs Il-Kummissjoni, C-581/12 P, EU:C:2013:772, punt 20).

85 B'hekk, meta l-impriża li kienet l-ewwel li pprovdiet lill-Kummissjoni, sabiex tikseb immunità totali minn multa fuq il-bażi tal-istess komunikazzjoni, provi ta' tali natura li jippermettulha tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE tkun naqset milli tagħti informazzjoni li turi li l-ksur inkwistjoni kien itwal minn dak irrivelat minn dawn il-provi, kull impriża oħra li pparteċipat f'dan il-ksur hija mħeġġa, kuntrarjament għal dak li jsostnu l-appellanti, li tkun l-ewwel li tiżvela tali informazzjoni, peress li tali żvelar jista' jiġġustifika l-għoti tal-immunità parzjali minn multa skont l-aħħar subparagrafu tal-punt 23(b) ta' din il-komunikazzjoni. Madankollu, kif diġà ġie kkonstatat fil-punt 80 ta' din is-sentenza, din ma hijiex preċiżament is-sitwazzjoni f'dan il-każ fir-rigward tal-għarfien li l-Kummissjoni kellha dwar il-kontinwazzjoni tal-ksur matul is-sena 2005.

86 Ċertament, impriża li tipprovdi informazzjoni lill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-Komunikazzjoni dwar il-klemenza, sa fejn din ma jkollhiex għarfien tal-provi li jkunu diġà f'idejn il-Kummissjoni, ma jistax ikollha ċ-ċertezza li hija tissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex tibbenefika mill-immunità parzjali prevista fl-aħħar subparagrafu tal-punt 23(b) ta' din il-komunikazzjoni.

87 Madankollu, din il-komunikazzjoni ma għandhiex l-għan li tneħħi din l-inċertezza, iżda, għall-kuntrarju, hija intiża, kif il-Qorti Ġenerali korrettament qieset fil-punt 163 tas-sentenza appellata, sabiex toħloq klima ta' inċertezza fi ħdan l-akkordji sabiex tinkoraġġixxi li dawn jiġu rraportati lill-Kummissjoni.

88 L-appellanti lanqas ma jistgħu jsostnu li l-interpretazzjoni adottata mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata tirrendi, fil-prattika, improbabbli l-għoti ta' immunità parzjali minn multa, peress li, kif jirriżulta, partikolarment, mill-punti 182 u 195 sa 203 tas-sentenza appellata, dawn ibbenefikaw speċifikament minn tali immunità parzjali minn multa għax-xahar ta' Jannar 2006.

89 Barra minn hekk, l-appellanti ma għandhomx raġun meta jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali li mmotivat insuffiċjentement is-sentenza appellata fuq dan il-punt. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, din is-sentenza, partikolarment, fil-punti 166, 167 u 189, tesponi biċ-ċarezza kollha meħtieġa r-raġunijiet li għalihom il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni kellha dritt tirrifjuta li tagħti lill-appellanti l-immunità parzjali minn multa għas-sena 2005.

90 Konsegwentement, l-ewwel parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

Fuq it-tieni parti tat-tieni aggravju, dwar ir-rifjut tal-immunità parzjali għall-perijodu sussegwenti għas-26 ta' Awwissu 2005

– L-argumenti tal-partijiet

91 Permezz ta' din il-parti, l-appellanti jikkritikaw, l-ewwel nett, lill-Qorti Ġenerali talli rrifjutat li tagħti lil LGD l-immunità parzjali minn multa għall-perijodu sussegwenti għad-data tas-26 ta' Awwissu 2005, meta l-Kummissjoni ma kellha ebda prova pprovduta mill-impriża li talbet l-immunità totali li turi li LGD kienet kompliet tipparteċipa fl-akkordju wara din id-data. Fil-fatt, l-unika prova mressqa minn Samsung dwar il-perijodu sussegwenti għax-xahar ta' Awwissu 2005 hija posta elettronika tas-6 ta' Diċembru 2005 li tirrigwarda kuntatti bilaterali possibbli bejn Samsung, minn naħa waħda, u AU Optronics Corp. u Chi Mei Optoelectronics Corp., min-naħa l-oħra, li ma ssemmix lil LGD jew parteċipanti oħra. Billi ssuġġerixxiet, fil-punt 187 tas-sentenza appellata, li dan id-dokument seta' jikkonċerna lil kull parteċipant fl-akkordju, inkluża LGD, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-kontenut tiegħu.

92 It-tieni nett, l-appellanti jqisu li l-Qorti Ġenerali wettqet ukoll żball ta' liġi meta kkonkludiet, fil-punt 193 tas-sentenza appellata, li l-provi mressqa minn Samsung kienu jippermettu lill-Kummissjoni tippreżumi li LGD kompliet tipparteċipa fil-ksur sal-aħħar, ladarba dan huwa ksur uniku u kontinwu. Din il-konklużjoni tmur kontra l-ġurisprudenza li toħroġ mis-sentenza Dansk Rørindustri vs Il-Kummissjoni (T-21/99, EU:T:2002:74, punt 62) fejn il-Qorti Ġenerali eskludiet li l-Kummissjoni tista' tassumi, mingħajr prova, li membru f'akkordju jkun ipparteċipa fih sat-tmiem tiegħu.

93 It-tielet nett, l-appellanti jikkunsidraw li l-imsemmi punt 193 huwa vvizzjat ukoll bi żball ta' liġi inkwantu l-Qorti Ġenerali qieset li l-provi inkwistjoni kienu jippermettu lill-Kummissjoni li żżomm lil LGD responsabbli għall-aġir tal-parteċipanti l-oħra, mingħajr evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet stretti ta' tali imputazzjoni ta' responsabbiltà. Issa, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali, din ir-responsabbiltà tista' tiġi imputata lil impriża biss meta huwa stabbilit li din kienet taf bl-aġir ta' ksur tal-parteċipanti l-oħra jew setgħet raġonevolment tipprevedih u kienet lesta li tieħu r-riskju (sentenzi BASF u UCB vs Il-Kummissjoni, T-101/05 u T-111/05, EU:T:2007:380, punt 160, kif ukoll Denki

Kagaku Kogyo u Denka Chemicals vs Il-Kummissjoni, T-83/08, EU:T:2012:48, punt 242). F'dan il-każ, madankollu, mingħajr il-provi sottomessi minn LGD, il-Kummissjoni ma kinitx tkun tista' testendi t-tul tal-ksur għall-parteċipanti fl-akkordju, għajr Samsung u Chi Mei Optoelectronics Corp., wara x-xahar ta' Awwissu 2005.

94 Il-Kummissjoni tfakkar li l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li l-Kummissjoni kienet informata, fid-data tad-dikjarazzjonijiet li saru mill-appellanti, jiġifieri l-20 ta' Lulju 2006, bil-kontinwazzjoni tal-akkordju matul is-sena kollha tal-2005, hija konstatazzjoni ta' fatt li ma hijiex suġġetta għall-istħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-ambitu ta' appell, sakemm il-fatti jew il-provi ma jkunux ġew żnaturati. Issa, f'dan il-każ, l-appellanti ma jsostnu ebda żnaturament tal-provi, iżda jikkunsidraw minflok li l-posta elettronika tas-6 ta' Diċembru 2005 hija insuffiċjenti sabiex isservi ta' bażi għall-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

95 Hemm lok li jiġi kkonstatat li din it-tieni parti tat-tieni aggravju, li permezz tagħha l-appellanti jikkritikaw, essenzjalment, lill-Qorti Ġenerali li rrifjutat li tagħtihom l-immunità parzjali minn multa għall-perijodu wara d-data tas-26 ta' Awwissu 2005, hija kompletament ibbażata fuq il-premessa li l-Qorti Ġenerali kienet żbaljata meta kkunsidrat li l-Kummissjoni kienet informata bil-parteċipazzjoni ta' LGD fl-akkordju wara din id-data minħabba biss posta elettronika waħda tas-6 ta' Diċembru 2005 ipprovduta minn Samsung, iċċitata fil-punt 187 tas-sentenza appellata, li tagħha l-Qorti Ġenerali żnaturat il-kontenut.

96 Din il-premessa hija dedotta minn qari żbaljat tas-sentenza appellata.

97 Fil-fatt, mhux biss il-Qorti Ġenerali ma għamlitx tali konstatazzjoni fis-sentenza appellata, iżda, barra minn hekk, jirriżulta ċar mill-punt 193 tas-sentenza appellata li, sabiex tikkunsidra li l-appellanti baqgħu jipparteċipaw fl-akkordju matul is-sena kollha tal-2005, il-Qorti Ġenerali ma bbażatx ruħha fuq din il-posta elettronika tas-6 ta' Diċembru 2005, iżda fuq dokument ieħor prodott minn Samsung, jiġifieri posta elettronika tal-14 ta' Jannar 2005, iċċitata fil-punt 185 ta' din is-sentenza, li tinvoka l-possibbiltà li dan il-parteċipant fl-akkordju jistaqsi lill-appellanti dwar l-intenzjonijiet tagħhom dwar ċerti prezzijiet.

98 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-appellanti ma jistgħux jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali li żnaturat il-kontenut tal-posta elettronika tas-6 ta' Diċembru 2005 minħabba li din ma turix li huma komplew jipparteċipaw fl-akkordju wara d-data tas-26 ta' Awwissu 2005, peress li l-Qorti Ġenerali ma ddeduċietx din il-konklużjoni minn dan id-dokument, iżda bbażat ruħha fuqu, kif jirriżulta mill-punt 189 tas-sentenza appellata, sabiex tikkonstata, b'mod iktar ġenerali, li l-akkordju tkompla matul is-sena 2005.

99 Għaldaqstant, l-allegazzjonijiet tal-appellanti fuq dan il-punt huma infondati.

100 Fir-rigward tal-kumplament, ladarba l-appellanti ma jikkontestawx l-evalwazzjoni tal-posta elettronika tal-14 ta' Jannar 2005 li saret mill-Qorti Ġenerali fil-punt 193 tas-sentenza appellata, li, ħlief għall-każ ta' żnaturament, taqa' biss fil-kompetenza tagħha, it-tieni parti tat-tieni aggravju għandha, konformement mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 69 ta' din is-sentenza, tiġi miċħud bħala ineffettiva. Fil-fatt, din l-evalwazzjoni kienet suffiċjenti għall-Qorti Ġenerali sabiex tikkunsidra korrettament li l-Kummissjoni kellha għarfien tal-parteċipazzjoni tal-appellanti fl-akkordju matul is-sena 2005. L-ilmenti tal-appellanti marbuta mat-tieni parti ta' dan il-punt 193 jirrigwardaw, għalhekk, argument superfluwu.

101 Konsegwentement, it-tieni parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

102 Minn dan jirriżulta li t-tieni aggravju għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

103 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, hemm lok li l-appell jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq l-ispejjeż

104 Fi kliem l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) ta' dawn ir-regoli, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba.

105 Peress li l-Kummissjoni talbet il-kundanna ta' LGD u ta' LGDT għall-ispejjeż u dawn tal-aħħar tilfu l-kawża, hemm lok li dawn jiġu kkundannati għall-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) LG Display Co. Ltd u LG Display Taiwan Co. Ltd huma kkundannati għall-ispejjeż.

Firem